**16 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Emanuel Pace u Raymond Mifsud

**Korruzzjoni ta' xhud**

*L-ingredjenti essenzjali tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 102 (b) huma tnejn, jigifieri (1) tentattiv ta' korruzzjoni ta' xhud biex jixhed il-falz fi proċeduri ċivili jew kriminali, u (2) dan it-tentattiv ikun akkompanjat b'theddid, rigali jew weghdiet.*

*F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jekk persuna jhedded lil xhud sabiex ix-xhud ma jigdibx fix-xiehda tieghu jkun jonqos wiehed mill-elementi essenzjali ta' dan ir-reat.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra ż-żewġ imputati Emanuel Pace u Raymond Mifsud akkużati talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar xhur qabel Mejju, 1993 fi proċeduri ċivili jew kriminali, bil-ħsieb li jikkorrompu xhud, perit jew xi interpretu u ċjoe' lil Oscar Cassar minn Ħaż Żabbar sabiex jagħti xhieda falza jew jagħmel perizja falza jew jagħti tifsir falz huma wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom (artikoli 41 (a) u 102 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

u kontra l-imputat Emanuel Pace waħdu talli żamm u ġarr arma li taqta' u bil-ponta mingħajr ma kellu liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, u li sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-17 ta' Jannar, 1992 u talli kiser il-liberta' kkondizzjonata taħt l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien instab ħati u rrilaxxjat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn u dan b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 1993;

Rat is-sentenza tat-23 ta' April, 1996 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet liż-żewġ imputati ħatjin ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali kkundannat lill-imputat Raymond Mifsud tliet mitt lira multa u lill-imputat Emanuel Pace erba' mitt lira multa;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Emanuel Pace li bih talab li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u tilliberah mill-imputazzjoni;

Rat l-atti l-oħrjan u ttrattat l-appell tikkunsidra illi:

L-aggravju ta' l-appellant Pace huwa li r-reat ta' l-attentat ta' korruzzjoni ta' xhud ma jirriżultax kontrih;

Jirriżulta li kien hemm proċeduri kriminali kontra George *Mifsud, misser l-imputat l-iehor Raymond Mifsud. Ċertu Oscar* Cassar kien xhud f'dawk il-proċeduri. Tlett ijiem qabel ma Cassar kellu jibda jixhed f'dawk il-proċeduri ż-żewġ imputati marru t-tnejn flimkien id-dar ta' Cassar biex ikellmuh. Hemmhekk Emanuel Pace fil-presenza ta' Raymond Mifsud lil Oscar Cassar qallu: "Inti taf li ghandek ix-xiehda ta' George". *Imbaghad Pace lil Cassar qallu ukoll "Skond kif tixhed* inti ahna nimxu mieghek wara";

Jidher ċar li l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti hija tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 102 (b) tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu safejn jirrigwarda l-każ preżenti jghid hekk:

"Kull min, fi proċeduri ċivili jew kriminali, jikkorrompi xhud ... sabiex jaghti xiehda falza ... jehel meta jinstab hati, meta jkun hemm biss attentat ta' korruzzjoni ta' xhud ... b'theddid, rigali jew weghdiet, l-istess piena ...";

Mill-premess jidher li l-ingredjenti essenzjali ta' dan ir-reat huma tnejn, jiġifieri (1) tentattiv ta' korruzzjoni ta' xhud biex jixhed il-falz fi proċeduri ċivili jew kriminali u (2) dan it-tentattiv ikun akkompanjat b'theddid, rigali jew weghdiet;

L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha, qalet li bil-kliem "Skond kif tixhed, ahna nimxu mieghek" l-imputat kienu taw lil Oscar Cassar messaġġ ċar. L-Ewwel Qorti qalet hekk: "Dan huwa kliem ċar b'messaġġ fin hafna ta' theddid. Ċertament dak il-hin dan il-kliem li uża l-imputat Raymond Mifsud ma kienx ifisser, jew jaghti lil wiehed x'jifhem illi jekk Casssar kien se jigdeb, allura Mifsud kien qed jghidlu li qed iżomm id-dritt li

jfittxu legalment bl-avukat tieghu. Li kieku ried jghidlu hekk, l-ewwel nett ma kienx hemm ghalfejn imurlu Haż Żabbar biex jinformah b'din l-intenzjoni ... u fit-tieni lok kien żgur jghidlu hekk bi kliem ċar li ma jhalli ebda dubbju dwar l-interpretazzjoni tieghu. Barra minn hekk kien l-istess Oscar Cassar li xehed u qal diversi drabi ... li dawk il-kliem hawduh u hadhom bhala theddida. Fil-fatt din il-Qorti" (ċjoe` l-Ewwel Qorti) "ma tara ebda tifsira u/jew interpretazzjoni ohra li tista' tinghata lil dawk il-kliem ta' Raymond Mifsud". Hekk ikkommentat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata;

Jiġifieri l-Ewwel Qorti interpretat il-kliem "Skond kif tixhed inti ahna nimxu mieghek" bhala kliem ta' theddid. Jista' jkun li fil-kuntest taċ-ċirkostanzi din l-interpretazzjoni hija ġusta, b'mod li r-rekwiżit tat-theddid tar-reat in eżami jkun jirriżulta. Biss ma jidhirx li fil-każ preżenti jirriżulta ukoll ir-rekwiżit l-iehor, dak ċjoe` tax-xiehda falza bhala l-iskop tat-theddid. Ma jirriżultax li l-imputati riedu lil Cassar jixhed il-falz. Il-kliem adoperat minn Pace jista' jiġi interpretat fis-sens li Pace hedded lil Cassar biex dan ma jigdibx fix-xiehda tieghu. F'dan il-każ ikun jonqos wiehed mill-elementi essenzjali tar-reat in eżami. Ghalhekk ir-reat ta' l-attentat ta' korruzzjoni ta' xhud ma jirriżultax kontra l-appellant Pace;

Ghalkemm l-appellant Pace qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata u l-liberazzjoni tieghu minn kull imputazzjoni, fir-rikors ta' l-appell tieghu ma jissottometti ebda aggravju dwar ir-reat li żamm u ġarr arma li taqta' u bil-ponta minghajr id-debita liċenzja;

Ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata safejn din tirrigwarda lil Emanuel Pace billi:

Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu li biha l-

appellant Emanuel Pace ġie misjub ħati li żamm u ġarr arma li taqta' u bil-ponta mingħajr ma kellu liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija u li kien reċidiv u kiser il-kondizzjoni imposta fuqu skond l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 kif indikat fl-imputazzjoni;

Tirrevoka l-istess sentenza fil-bqija u minflok ssib lill-appellant Emanuel Pace mhux ħati tar-reat ta' attentat ta' korruzzjoni ta' xhud u tilliberah minnu u tar-reat l-ieħor li tiegħu ġie misjub ħati tikkundannah ħamsin lira multa.